SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 16/K8/16

Data: 28 ta' Mejju 2016

Hin: 5.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Skużati: (1) -Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci sabiex jiġi skużat għal-laqgħa ta' Mejju 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġi skużat. (Inc. 3223/16)

Assenti: (0)

Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mis-Sindku;

4. Korrispondenza;

5. *Co-option* ta' Kunsillier;

6. Mozzjoni għall-attivitajiet pubbliċi;

7. Diskussjoni dwar ġbir ta' skart domestiku;

8. Għoti ta' offerti għas-servizz ta' vann;

9. Ħruġ ta' tender għal Street Cleaning Service (Ara nota taħt);

10. Ħruġ ta' tender  għal Bulky Refuse (Ara nota taħt);

11. Ħatra ta' Adjudicating Committee;

12. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

13. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

14. Approvazzjoni tal-Pagamenti;

15. Aġġornament.

**Minuti –*16/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 15/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli  ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajma mill-Minuti**

2.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punti fir-rigward l-attivita' li kellha ssir bejn it-timijiet tal-Waterpolo. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser ikellem l-uffiċjali nkarigati.

2.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg qajjem il-punt li s'issa għadha ma' saritx it-tabella tal-*one way* fi Triq il-Qalb Imqaddsa.  Hu ġie nfurmat

li l-kuntrattur ordna t-tabelli neċċessarji iżda qabel ma' jeħlu il-kuntrattur ser jinforma lill-Kunsill ħalli tintbagħat ittra lir-residenti tal-akkwati dwar dan it-tibdil.

2.03 Il-Kunsillier John Agius wasal fil-5.10p.m.

2.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward ix-xogholijiet ta' Wesghet Agostino Savelli sabiex ikun hemm update. Is-Segretarju ta spjegazzjoni u l-Kunsill qabel li japprova l-istima li tana l-perit ta' €13,000 biex isir ix-xogħol adizzjonali minħabba li sar *trenching*.

2.05 Fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill kien bagħat ittra lin-NAAR li jinsab fi Triq il-Kbira sabiex jerga' jitpoġġa l-bank quddiem in-NAAR iżda sal-lum il-Kunsill għadu ma rċiviex risposta. Għaldaqstant għandha terġa tintbagħat *reminder*.

2.06 Tintbaghat ittra lill-persuna li qed tarma bil-pasti u ħelu ħdejn il-Love Monument minħabba li dan il-persuna għadu jarma fl-istess post.

## 3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

3.01 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li minħabba li waħda mill-istaff bħalissa tinsab bil-*maternity leave* u meta tidħol ser tkun bir-reduced hours ippropona li tidhol persuna oħra bħala full timer bir-reduced hours. Huwa ppreżenta dokument biex jispjega l-ispiża nvoluta. (Dokument anness) Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Kunsill għandu fondi biżżejjed minn fejn ikun jista' jħallas lill-persuna li tiġi / jiġi impjegat/a. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tidħol persuna oħra ma' l-istaff. Għaldaqstant ser tinħareġ *call for application.*

3.02 Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex jiġi diskuss item 5 qabel item 3.

## 5 *Co-option* ta' Kunsillier

5.01 Skond id-dispożizzjoni tal-liġi kien ser jiġi co-opted kunsillier, iċ-Ċermen ressaq lis-Sur Edgar Montanaro biex jintgħażel bħala l-kunsillier ġdid.

5.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ippropona li jintgħażel is-Sur Edgar Montanaro bħala l-kunsillier ġdid.

5.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Għaldaqstant iċ-Ċermen saqsa lis-Sur Edgar Montanaro jekk jaċċetax il-kariga ta' Kunsillier.

5.06 Is-Sur Edgar Montanaro iddikjara li jaċċetta l-kariga bħala Kunsillier.

5.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ħa l-ġurament tal-ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

**3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.03 F'kull pots li hawn fil-lokalita' ser jinżeraw fjuri u dawn ser jieħdu ħsibhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward il-*cat village* li hemm fi Triq Spinola, wasalna fi ftehim mal-persuna fejn ħa jwaqqa' l-binja li hemm u ser isiru uffiċċini, iżda minħabba li ser jaffettwa l-*cat village,* huma offrew li ser jagħmlu kamra għall-qtates fejn ser jieħdu ħsibhom huma.

3.05 Fir-rigward il-Podium, qiegħed isir ftehim li fejn hemm il-biċċa parti fejn hemm abbandunata ser issir kamra sabiex jibda jinġabar l-iskart kollu tal-Podium.

3.06 Saret laqgħa mat-Transport Malta fir-rigward ir-rotot tal-linja, huma issuġġerew li jitneħħew il-parking bays ta' man-naħa tal-Melita Pharmacy kif ukoll in-naħa tal-HSBC li b'kollox jitneħħew 16 il-parkeġġ ta' karozza. Għaldaqstant għalissa l-Kunsill għadu qed jistenna t-talba uffiċjali mit-Transport Malta sabiex isiru aktar diskussjonijiet.

3.07 Tintbagħat ittra lit-Transport Malta minħabba Triq Spinola biex titneħħa d-directional sign li hemm ħalli t-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq Spinola jkun jista' jdur `l fuq lejn Triq San Ġorġ.

3.08 Il-Kunsill gie nfurmat li saret laqgħa mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis ta' Burokrazija l-Onor. Anthony Agius Decelis.

3.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Deborah Schembri fir-rigward id-dar ta' l-Anzjani. L-Avukat tal-Kunsill talab li it-tender jinħareġ min-naħa ta' l-Gvern. Filwaqt li fl-istess laqgħa ġew informati fuq il-*leasing* tal-playing field ta' Ta' Giorni sabiex il-kuntratt minn tlett snin jiġi estiż għal sitt snin.

3.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li beda jsir ir-*repainting* ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier, u fi Triq il-Kbira.

3.11 Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni fir-rigward xogħol supplimentari b'konnessjoni mat-twaħħil tal-cameras fuq il-bring in sites.

3.12 Ġie approvat il-kuntratt il-ġdid dwar il-maintanance & upkeep tal-IT tal-Uffiċċju tal-Kunsill mal-kumpanija ITEC.

3.13 Saret laqgħa ma' s-Sur Mark Scerri Simiana fir-rigward it-tindif u xogħol ta' manutenzjoni f' Xatt is-Sajjieda.

3.14 Il-Kunsill ġie nfurmat li minn Ottubru 2015 sa llum għadu ma rċieva l-ebda pagamenti fir-rigward it-10% administration fee min-naħa tal-LESA

3.15 Ser issir attivita' fis-17 ta' Ġunju 2016 fir-rigward Wied Għomor Valley.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 2543**

4.02 Saret riferenza għall-ittra sabiex isir riklam fuq il-ktieb tal-Festa ta' San Ġiljan li jippubblika l-Kumitat tal-Festa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Importanti li fir-reklam issir t-time table tal-ġbir ta' l-iskart fil-lokalita'.

***Rif. Nru. 2653***

4.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Eden Leisure Group Limited dwar Triq Santu Wistin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa magħhom sabiex tiġi diskussa din il-materja.

***Rif Nru. 2741***

4.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Chris DeMicoli dwar l-binja bejn Triq Lapsi u Triq Mikiel Ang Borg. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa magħhom sabiex tigi diskussa din il-materja.

***Rif. Nru. 2803***

4.05 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Proġett *'Smart Management of Beach & Costal Resourse – Smart Beaches'.* Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill juri l-interess tiegħu.

***Rif Nru. 2838***

4.06 Saret riferenza għall-email mingħand Stella Maris College Scout Group dwar tħawwil ta' siġar. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill jissuġġerixi li dawn isiru fi Triq San Mark il-parti fejn hemm ġnien żgħir, f' Wied Għomor viċin it-Tigulio, u fi Triq il-Baltiku viċin l-istatwa ta' San Ġużepp.

***Rif Nru. 2926***

4.07 Saret riferenza għall-emails mingħand l-*iStreet Naming Committee* dwar l-isem tal-Pjazza bejn Triq San Mark u Triq Lapsi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din tibqa' tinżamm kif oriġinarjament hi msemmija. Filwaqt li għandha tintbagħat *reminder* fuq l-isem ta' Triq i-Monasteru.

***Rif Nru. 2947***

4.08 Saret riferenza għat-talba sabiex isir barbeque quddiem Standard House. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir dment li qabel jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

***Rif Nru. 3065***

4.09 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Chris Cassar dwar l-attivita' ta' 'l-Ikla t-Tajba' organiżżata minn Valletta18. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

***Rif. Nru. 3128***

4.10 Saret riferenza għall-petizzjoni mingħand is-sajjieda dwar it-tneħħija tad-dgħajjes minn Xatt ta' Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jipprova jiltaqa' magħhom.

***Rif. Nru. 3166***

4.11 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Mark Galea sabiex jsiru mural f' San Giljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex issir fi Triq il-Mensija iżda l-oħrajn le

filwaqt li l-Kunsill jissuġġerixxi sabiex isir mural faċċata tal-Joem Petrol Station taħt il-bridge u fi Triq il-Baltiku fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Importanti li qabel ma jsiru, jinforma lill-Kunsill x'ser isir.

**Rif. Nru. 6595, 3087 & K1082**

4.12 Saret riferenza għall-korrispondenza dwar inċident fi Triq is-Sorijiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jinħareġ il-pagament minħabba li l-ammont huwa ta' €100 u ser tkun aktar ta' spiża jekk il-Kunsill jidħol il-qorti.

**6. Mozzjoni għall-attivitajiet pubbliċi**

6.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana ta spjegazzjoni fuq il-mozzjoni.

6.02 Il-Vici Sindku Albert Buttigieg ressaq emmenda fuq din il-mozzjoni.

6.03 Saret diskussjoni, fejn il-Kunsill qabel li jitwaqqaf sotto kumitat magħmul mis-Sindku Guido Dalli, il-Viċi Sindku Albert Buttigieg, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, il-Kunsillier Martin Sultana, il-Kunsillier Edgar Montanaro, il-Kunsillier Clayton Luke Mula u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Spiteri sabiex dawn jiddiskutu din il-mozzjoni u jressqu proposti quddiem il-Kunsill.

**7. Diskussjoni dwar ġbir ta' skart domestiku**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward Triq il-Qalb Imqaddsa, reġa bagħat ir-rappreżentanti min-naħa tal-*Green Pak*, sabiex ir-residenti jerġgħu jiġu nfurmati bil-ġranet għall-ġbir ta' skart.

7.02 Il-Kunsill reġa' ordna l-*istickers* u dawn meta jaslu ser jitwaħħlu fil-flats fejn għad hemm il-problemi ta' l-iskart.

**8. Għoti ta' offerti għas-servizz ta' vann**

8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-offerti għas-servizz ta' vann. Il-Kunsill irċieva offerta waħda min-naha tal-ALM. (Ara Appendiċi 'A')

8.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li tintgħazel l-offerta ta' l-ALM. .

8.03 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Ħruġ ta' tender għal iStreet Cleaning Service**

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħareġ it-tender għal istreet cleaning service.

**10. Ħruġ ta' tender għal Bulky Refuse**

10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jinħareġ it-tender għal Bulky Refuse.

**11. Ħatra ta' Adjudicating Comittee**

11.01 Ġie deċiż li jintagħżlu s-Sindku Guido Dalli, il-Viċi Sindku Albert Buttigieg, il-Kunsillier Martin John Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikunu parti mill-*Adjudicating Committee.*

**12. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;**

12.01 Ser isir laqgħa ma-kappillan fuq l-istands tal-festa.

12.02 Ser issir ikla wara l-laqgħa tal-Kunsill bħala ringrazzjament lill-Onor. Karl Gouder għas-servizz tiegħu bħala Sindku f' San Ġiljan.

**13. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

13.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

13.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

13.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha.

13.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**14. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

14.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3959 sa' Nru 3989. (Ara Appendiċi 'Ċ')

14.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3959 sa' Nru 3989.

**15. Aġġornament**

15.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 30 ta' Ġunju 2016 fl-4.30p.m.

15.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: ***30 ta' Ġunju 2016***